KUNSILL STUDENTI JUNIOR COLLEGE

# Rapport Amministrattiv – AGM '19

30 ta' Ottubru 2019

Viżjoni u Raġuni ta' dan l-AGM

Fid-9 ta' Novembru 2018, ġie elett kunsill ġdid b'seba' kanidati tal-għaqda Pulse mill-istudenti tal-Junior College. Kienet rebħet l-għajta 'We Go Again'; għajta li mexxiet lill-KSJC ta' din is-sena fid-direzzjoni t-tajba bħal kunsilli passati.

Il-kunsill irrappreżentat minn Jaden Dimech, Britney Agius, Shania Dimech, Elisa Gauci, Zane Borg, Kleaven Pisani u Kieran Agius, mar fuq l-istudent b'manifest ambizzjuz u wieħed li serva ta' għajnuna u użu kbir b'mod dirett lill-istudenti kollha tal-Junior College.

Kien kunsill; Viċin tal-istudent permezz tal-kuntatt dirett u proposti li jolqtu l-istudent. Fehem dak li xtaq l-istudent u kien pro-attiv. Li ma jaqta' qalbu qatt, u żamm enerġija pożittiva tul din is-sena.

L-Eżekuttiv

President: Jaden Dimech

Kummisarju Politika Soċjali: Shania Dimech

Segretarju Ġenerali: Britney Agius

Kaxxiera: Elisa Gauci

PRO: Zane Borg

Kummissarju Edukazzjoni: Kleaven Pisani

Kummissarju Kultura u Divertiment: Kieran Agius

Amministrazzjoni u laqgħat uffiċjali

*Laqgħat tal-Eżekuttiv*

Dan il-kunsill iltaqa' darba fil-gimgħa sabiex jara li x-xogħol kollu li hemm bzonn isir, isir u apparti minn hekk żamm kuntatt tajjeb internament ghall-benefiċċju ta' kull student.

*Amministrazzjoni tal-Kulleġġ*

Kien proprja grazzi għal-laqgħat mal-amministrazzjoni li saru ħafna passi 'l quddiem din is-sena, b'mod speċjali ir-rikonoxximanent tas-senat. Il-KSJC din is-sena ikkopera b'mod pożittiv mal-istess amministrazzjoni.

*Kollaborazzjonijiet u laqgħat tul is-sena*

Il-kunsill ta' din is-sena investa ħinu sabiex iżomm kuntatt dirett u relazzjoni b'saħħitha mal-għaqdiet studenteski tal-Junior College, u dawk minn istituzzjonijiet oħra fosthom Teatru Kulleġġ, il-JC Orchestra, il-Manga Club, Chrisco, KSU u KSM.

Apparti minn hekk kellna wkoll laqgħat biex niffirmaw aktar corporate sponsors għall-benefiċċju tal-KSJC stess, fejn ġew iffirmati sitt corporate sponsors – record ġdid għall-KSJC.

Il-Kunsill kellu wkoll diversi laqgħat ma' assoċjazzjonijiet u kumpaniji uffiċjali fosthom l-MFA, l-AirMalta u l-JobsPlus. Saħansitra iltaqa' wkoll ma' Hon. Julia Farrugia Portelli, Hon. Hose' Herrera, Hon. Chris Fearne. Hon. Konrad Mizzi, Hon. Clifton Grima, Hon. Justyne Caruana u kif ukoll mal-eks President ta' Malta l-Eċċellenza Tagħha Marie Louise Coleiro Preca.

Rappreżentanza u kuntatt

*Midja Soċjali*

Dan il-kunsill s'issa żamm il-kuntatt fuq il-midja soċjali sabiex jipproġetta ruħu aktar, b'mod speċjali fuq Facebook u Instagram, fejn ġew imtellgħin numru ta' ritratti, posters u anke ċerti kitbiet.

Ġie miftuħ għal darboħra wkoll il-'KSJC Student Group' fuq Facebook stess sabiex kulħadd ikun aġġornat bl-affarjiet li jsiru mill-kunsill u minn għaqdiet oħra fil-Junior College.

*Stediniet u Laqgħat apparti*

Il-kunsill ġie mistieden f'diversi laqgħat u programmi nazzjonali; fosthom TVAM u One Breakfast. Il-Kunsill s'issa wkoll żamm kuntatt mal-istudent permezz ta' laqgħat tal-KE u KPS u kif ukoll sotto-kumitati fi ħdan il-KSJC.

Proposti

*Book Sale*

B'kollaborazzjoni ma' organizazzjonijiet oħra fil-Junior College, din is-sena il-kunsill offra l-għajnuna tiegħu sabiex isir dan is-second-hand book sale.

*Office revamp*

Minn wara li nbidel l-uffiċju tal-kunsill, iffukajna sabiex nerggħu nagħtu ħajja lill-Uffiċju l-ġdid tal-KSJC billi tajnih xeħta ġdida u għamilna kemm jista' jkun spazju biex apparti li jkun attraenti, jkun ukoll aċċessibli mill-istudent.

*Office hours*

Żammejna l-importanza sabiex kemm jista' jkun l-uffiċju tal-KSJC ikun miftuħ tul il-ħin kollu sabiex kulħadd ikun jista' jgawdi s-servizzi offruti mill-kunsill stess.

*Events committee*

Infetaħ għaldarboħra sotto kumitat sabiex ikun jista' jservi ta' għajnuna fl-attivitajiet kollha li jsiru mill-KSJC

*KSJC logo competition*

Wara li l-logo tal-KSJC ilu żmien twil l-istess rajna l-importanza li nagħmlu '*rebranding'* ħalli nieħdu dehra aktar friska. B'hekk introduċejna din il-kompetizzjoni li r-rebbieħ tagħha ser jitħabbar illum minħabba l-effetti fuq l-istatut.

*Headphones*

Investejna f'pari tal-headphones bħala servizz ġdid offrut mill-KSJC. Għal din il-proposta rajna li mmorru oltre mill-manifest u minflok disposable headphones, ġew mixtrija supra-aural headphones.

*Board games*

Ġew mixtrija numru ta' board games biex ikun introdott servizz ġdid ieħor; dak tar- 'Rent a Board Game'. Dan is-servizz ġie milqugħ tajjeb mal-istudenti u ħaduhwa bħala opportunita' biex jimlew il-ħin liberu.

*Donazzjonijiet lill-organizzazzjonjijiet*

Matul l-aħħar ħames xhur u nofs, il-kunsill ra li joffri l-assistenza finanzjarja tiegħu lill-organizzazzjonijiet ġewwa l-Junior College. Xi ħaga li għad ser naraw il-frott tagħha tul il-kumplament tat-terminu tal-KSJC.

*Portable chargers*

Bħala servizz ġdid ieħor, introduċejna ir- 'Rent a Portable Charger' billi l-kunsill investa f'numru ta' Portable Chargers. Dan is-servizz totalment intlaqa' mill-istudenti kollha. Fl-ahhar mumenti tas-sajf, saħansitra inxtraw 4 portable chargers oħra sabiex jinqeda aktar l-istudent.

*Rent a book Update*

Minħabba l-bidla fis-syllabus ta' ċertu suġġetti, kien hemm mill-bżonn li anke jinbidlu xi kotba fis-servizz offrut mill-KSJC tar- 'Rent a Book'. B'hekk il-Kunsill ikkonsulta mal-istudent biex jara x'hemm bzonn u investa fil-kotba kollha neċessarji.

*Consultation meeting*

Żammejna l-importanza ta' kull sena li jsiru laqgħat ta' konsultazzjoni mal-istudenti sabiex inżommu kuntatt dirett u naraw x'jirrikjedi l-aktar il-korp studentesk biex inkunu nistgħu naħdmu fuq l-affarjiet bżonnjużi.

*Graphical boards*

Bħala servizz ieħor li huwa totalment ġdid, il-KSJC investa f'numru ta' Graphical Boards biex jiġu mikrija mill-istudent b'mod speċjali l-istudenti li jistudjaw il-graphical communications ġewwa l-Junior College.

*Ps4 games u table tennis*

Il-KSJC dejjem xtaq li jibqa' f'kuntatt kontinwu mal-istudent, għalhekk fi proposti zgħar bħal dawn ikkonsulta mal-istudent rigward l-logħob tal-playstation l-aktar mixtieqa fuq il-KSJC Student Group u b'hekk gew mixtrija numru ta' logħob tal-Playstation. X'ħin bdiet is-sena skolastika ġdida, ġew mixtrija wkoll żewġ FIFA 20. Apparti minn hekk, ġew mixtrija wkoll numru ta' rackets u blalen tat-table tennis li ġew mogħtija bħala donazzjoni lil Canteen operator u lil Chrisco. Aktar minn hekk, ġiet mixtrija mejda tat-table tennis ġdida li tpoġġiet ġewwa l-games room.

*Wi-Fi*

Peressli s-suġġett tal-Wi-Fi huwa wieħed li jqanqal ħafna rispons, il-KSJC ra li jżomm u jitratta dan is-suġġett bl-aktar mod responsabbli possibli. Għalhekk dis-sena saru diversi laqgħat mal-amministrazzjoni f'dan ir-rigward u saħansitra kellna laqgħa mad-dipartiment tal-IT stess fil-Junior College.

Ħdimna id' f'id biex tibqa' tittejeb il-konnettività madwar il-Junior College.

## *Piano to orchestra*

Hekk kif kien imwiegħed fil-manifest, il-KSJC tkellem mal-JC Orchestra biex jara eżatt it-tip ta' piano li jirrikjedu. Wara li kkonsultajna mal-JC Orchestra mal-ewwel inxtara il-piano u saħansitra nxtara wkoll il-cover protettiv  tal-piano, u dawn gew preżentati lilhom.

## *Kollaborazzjoni mal-MFA*

Wara diversi laqgħat u ftehim, saret kollaborazzjoni mal-assoċjazzjoni tal-futbol Malti l-MFA sabiex l-istudenti tal-Junior College jibbenifikaw minn skontijiet fuq il-biljetti tal-logħbiet tat-tim nazzjonali Malti. Kollaborazzjoni li ma waqfitx biss fl-aħħar logħba ta' Malta kontra Spanja iżda ser tkompli tul il-logħob kollha li għad ġejjin.

## *Online Yearbook*

Għal darboħra, reġa ġie introdott l-Online Yearbook fejn bħalissa qed jittieħdu r-ritratti tal-istudenti madwar il-Junior College u ser jiġu ippublikati Online b'mod professjonali aktar tard f'dan it-terminu tal-KSJC.

## *Re-introducing the KSJC Organisations fund*

Proposta li tajna ħafna importanza hija li nerġaw nintroduċu l-Organisations Fund offruta mill-KSJC; proposta illi kienet assenti għal numru ta' snin iżda iffukajna li nerggħu nagħtuha l-ħajja lura. B'din il-proposta, l-organizazzjonijiet tal-Junior College jistgħu japplikaw mal-Kunsill biex jibbenifikaw minn fondi ġejjin mill-Kunsill stess.

## *Corporate sponsors*

Hekk kif kien imwiegħed, iffukajna wkoll biex inżidu mal-lista li teżisti diġa tal-corporate sponsors; filfatt, sar rekord ġdid ta' sponsors fejn ġew iffirmati total ta' SITT sponsors ġodda. Ġew iffirmati: Klikk, BOV Club, Fast Track, PWC, The Cyclist u Gyros and Churros.

*Your First Vote Campaign*

Bl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropej li saru dis-sena, rajna bħala Kunsill li niffukaw fuq l-importanza tal-vot; b'mod speċjali minħabba l-fatt li vvutaw saħansitra ċ-ċittadini li għandhom 16 -il sena. Għalhekk bdejna l-ħidma tagħna sabiex nippromovu dan kemm Online u kemm fil-Junior College stess permezz ta' Mock Voting.

*Investing in laptops*

Hekk kif kien imwiegħed fil-manifest, dan il-kunsill iffoka sabiex ikabbar skema oħra. Pero' ma ġiex mixtri laptop wieħed biss iżda tlieta. Investiment li ħalla warajh noti pożittivi madwar il-kulleġġ.

*Discounts on Laptops*

Grazzi għall-isponsor tagħna KLIKK, il-Kunsill irnexxielu jġib ukoll diversi discounts fuq laptops għall-istudenti tal-Junior College. Saħansitra b'diversi skontijiet fuq laptops ta' ditti partikolari fi żminijiet diversi.

*Education Sub-Committee*

Għal sena oħra l-KSJC għaqqad kumitat tal-edukazzjoni mmexxi mill-kummissarju tal-Edukazzjoni tal-istess kunsill sabiex ikompli ma' dak li għamlu kunsilli passati u jkun ta' widna għall-istudenti għall-problemi li jaffaċjaw matul is-sena u b'mod speċjali waqt l-eżamijiet.

*Extended Library Hours*

Għal darboħra, il-Kunsill laħaq ftehim mal-amministrazzjoni sabiex għal jumejn fil-gimgħa, l-librerija tal-Junior College fi żmien l-eżamijiet tkun miftuħa għal aktar ħin.

*Rent a laptop charger*

Il-kunsill, wara li kkonsulta mal-istudenti fuq l-aktar laptops popolari, investa f'diversi laptop chargers sabiex ikunu disponibbli għall-kiri għall-istudenti kollha tal-kulleġġ.

*New Website*

Id-dehra tal-Kunsill Onlajn kienet dejjem importanti għal dan il-Kunsill. Għalhekk investejna ħina wkoll sabiex noħorgu prodott tajjeb f'termini ta' Website. F'din il-Website, apparti dehra ġdida, żidna diversi affarjiet sabiex nagħmlu ħajjet l-istudent aktar faċli.

*New Mobile App*

Apparti Website, dan il-kunsill investa wkoll f'App tal-Mobiles li tat mod ġdid lill-istudent sabiex jaċċessaw ħafna mis-servizzi ta' dan il-kunsill inkluż id-discounts offruti mill-kunsill fi Freshers' Week.

*You Complain You Gain*

Is-sistema għal darboħra ġiet inkluża fix-xogħol tal-KSJC, sabiex kemm jista' jkun, il-Kunsill ikun viċin tal-istudent u jgħin fejn hemm aktar bżonn.

*Youth Exchanges*

Għall-ewwel darba fl-istorja ta' dan il-Kunsill, il-KSJC irnexxielu jilħaq qbil ma' Yours Empowerment Group u flimkien irnexxielna nġibu diversi opportunitajiet ta' Youth Exchanges għall-istudenti tal-Junior College. Qbil li ħa jservi ħafna, speċjalment fil-futur.

*Free Workshops*

Qbil ieħor li rnexxielu jilħaq il-KSJC huwa dak ma' St Martin's Institute, fejn permezz ta' dan il-qbil ġew offruti numru ta' Workshops u Courses diversi b'xejn għal kull min xtaq jipparteċipa fihom.

*Think Green Campaign and Committee*

Ta' kull sena, il-Kunsill jipprova jaħdem kemm jista' fuq sitwazzjoni li bħala zgħazagħ ser naffacjaw fil-futur, saħansitra wkoll fil-preżent. Għalhekk, l-ambjent kien wieħed mill-prijoritajiet, fejn saru numru ta' clean ups, laqgħat u ħafna aktar attivitajiet sabiex nippreservaw u ntejbu l-ambjent ta' madwarna. Għalhekk, sabiex ikun hemm aktar input fuq dan, sar ukoll kumitat li jieħu ħsieb l-affarjiet tal-Kunsill fir-rigward tal-ambjent.

*Tickets għall-avvenimenti kbar*
Hekk kif kien imwiegħed fil-manifest, ġew mogħtija numru ta' biljetti b'xejn għall-attivitajiet il-kbar is-sajf l-għadda. Xi ħaġa li marret tajjeb ħafna mal-istudenti, speċjalment fuq il-midjas soċjali tal-Kunsill.

*Discounts fuq kotba*
Ftehim ieħor li rnexxilu jilħaq dan il-Kunsill kien dak ma' Merlin libraries fejn gie offrut minghandhom discounts kbar fuq kotba.

First Aid Courses b'xejn
Ġew offruti wkoll Courses ta' First Aid b'xejn ghal numru ta' student li għoġobhom japplikaw għalihom, Il-Kunsill ħadem ma' Red Cross Malta sabiex jiġi offrut l-aqwa servizz possibli.

*Zebra Crossings LGBTIQ+*
Apparti li l-Kunsill ħadem ħafna mal-amministrazzjoni u mad-diversity group tal-Junior College biex iz-Zebra Cross tal-Junior College terġa tieħu ż-żebgħa, il-KSJC ħadem did-darba wkoll mal-Kunsill Lokali tal-Imsida biex isir l-istess xogħol ukoll fuq iz-Zebra Crossings li jinsabu eżatt barra l-Junior College.

*Rent a Tablet*
Servizz ieħor li investejna fih bħala kunsill kien dak tar-rent a tablet, fejn inxtara tablet iehor modern sabiex ikun jista' jinkera mill-istudenti.

*Cloak Room*
Fil-manifest kienet imwiegħda l-possibilita' li ssir xi forma ta' cloak room fil-kulleġġ. Għalhekk inxtrat Clothes Rack li tpoġġiet fl-uffiċju tal-kunsill biex isservi dan l-għan.

*Lab Coats and Safety Glasses*
Dan il-kunsill tejjeb ukoll is-servizz tal-lab coats u safety glasses billi xtara aktar minnhom, lesti biex jinkrew mill-istudenti tal-kulleġġ.

*Pjazza Regeneration*

Post għall-qalb dan il-kunsill, għal sena oħra ma setax jitħalla barra. Għalhekk dan il-kunsill ħadem ħafna sabiex jerġa jieħu r-ruħ dan il-post. Għal darboħra reġaw tranġaw il-bankijiet u l-imwejjed, u l-post ingħata passata zebgħa mill-ġdid.

*Delta Summit*

Għal sena oħra, dan il-kunsill ħadem sabiex jintlaħaq arranġement mas-segretarju parlamentari Silvio Schembri biex dan il-kunsill jiġi mogħti tickets għal dan l-avveniment tant popolari.

*Youth Hub Seating/ College Signage/ Graphical Design Lockers*

Ghalkemm dawn kienu fil-pjanijiet tagħna, kienu wkoll fil-pjanijiet tal-amminstrazzjoni tal-kulleġġ, għalhekk l-unika mod ta' kif stajna nikkontribwixxu kien permezz ta' donazzjoni lill-kulleġġ stess. Għalhekk il-KSJC ippreżenta donazzjoni ta' 500 Ewro lill-kulleġġ sabiex isiru dawn il-proposti.

*First Aid Courses b'xejn*

Dan il-kunsill ħadem ħafna sabiex jiġu offruti numri ta' courses b'xejn, fosthom wieħed minnhom dak tal-First Aid li sar b'kollaborazzjoni ma' Malta Red Cross. Ħadu sehem fih numru ta' studenti tal-Junior College, fejn ingħataw ċertifikati tal-First Aid.

*Benches for Green Area Outside Tennis Court*

Inxtraw numru ta' bankijiet ġodda fi Green Area li tinsab barra t-tennis court sabiex jiżdiedu l-postijiet li l-istudenti jkunu jistgħu jospitaw fil-ħin liberu tagħhom.

*Mater Dei Visit*

Għal darboħra, dan il-kunsill reġa organizza visit lejn il-laboratorji ta' Mater Dei, iddedikati b'mod speċjali lill-istudenti li jistudjaw partikolarment ix-xjenza jew saħansitra dawk li jinteressaw ruħhom f'dawn.

*Bike Racks*

Grazzi għall-isponsor tal-kunsill 'The Cyclist', dan il-kunsill investa f'bike rack ġdida sabiex jiżdiedu l-ispazji għal dawk l-istudenti li jivjaġġaw sal-kulleġġ bir-roti.

*Seating Foyer*

Id f'id mal-amministrazzjoni tal-kulleġġ, dan il-kunsill ħadem sabiex jiżdied seating ġdid fil-foyer. Proposta li kienet kruċjali għaliex dan il-post huwa frekwentat ħafna mill-istudenti tal-Junior College.

*Gender Neutral Restrooms*

L-inklużjoni soċjali kienet xi ħaġa f'qalb dan il-kunsill. Bħala kunsill inklussiv, għal darboħra reġa ħadem bil-kbir sabiex toilet ieħor jinbidel f'wieħed gender neutral.

*Coat Hangers Study Area*

Il-KSJC investa wkoll f'coat hangers għall-istudy area, xi ħaġa li intlaqgħet tajjeb ħafna mal-istudenti minħabba l-fatt li numru kbir ta' studenti jqattaw il-perjodi ta' bejn lecture u oħra f'dak il-post.

*Youth Hub Regenration*

Post ieħor li dan il-kunsill investa ħinu u r-riżorsi fih kien il-Youth Hub, li id f'id mal-amministrazzjoni, ħadem biex jinżebħu l-ħitan kollha tal-madwar, jitranġaw il-bibien kollha ta' din l-area kif ukoll jiġu utilizzati sew l-affarjiet li diġa kien hemm preżenti.

*Ikteb Novella*

Wara s-suċċessi ta' dan il-proġett fl-aħħar sentejn, il-kunsill ħadem biex din l-inizjattiva terġa' tittella'. Inizjattiva li tipromovi bil-kbir l-ilsien Malti u l-kitba bil-Malti.

*New Television*

Dan il-kunsill dejjem kien wieħed pro-attiv, għalekk meta seħħew atti vandali fuq it-television tal-games room, mal-ewwel investa f'wieħed ġdid sabiex ikompli jitgawda mill-istudenti d'dan il-post.

*Organic Bins*

Bħala kunsill li dejjem ħadem favur l-ambjent, ikkolabora ma' Wasteserv sabiex ġibna numru ta' organic bins li ingħataw lid-dipartiment tal-Home Economics tal-Junior College.

*Lockers and Graphical Design Lockers*

Hekk kif kien imwiegħed, dan il-kunsill investa f'numru ta' lockers ġodda biex ikunu jistgħu jaqdu aktar studenti madwar il-Junior College. Barra minn hekk, dan il-kunsill għen l-amministrazzjoni sabiex jiġu investiti wkoll Graphical Design Lockers li tpoġġew fid-dipartiment rispettiv tagħhom.

*KSJC Student Card*

Din is-sena, l-istudent card tad-discounts, apparti li żdiedu b'ammont kbir id-discounts saret online sabiex inkomplu bl-inizjattiva tagħna tal-Green Campaign.

*Tennis Net*

Ġiet investita Tennis net li ingħatat lill-isports department sabiex titwaħħal u jiġi promovit aktar l-isport madwar il-kulleġġ.

*LGBTIQ Organisation*

Hekk kif kien imwiegħed, din is-sena l-Kunsill ħadem ħafna fuq l-inklużjoni fil-kulleġġ. Għalhekk, kien importanti għalina sabiex niffurmaw dan il-grupp ta' nies li jiffurmaw parti mill-ewwel grupp LGBTIQ li qatt eżista fil-kulleġġ.

*Curtains in Games Room*

Ġew investiti numru ta' purtieri ġodda biex jagħtu dehra isbaħ lill-games room.

*Water Fountains*

Wara ħafna konsultazzjoni mal-amministrazzjoni, ġew investiti żewġ water fountains li ser jitpoġġew f'qasir żmien, viċin tat-tennis court u kif ukoll f'11 a-side ground.

*Road Signs*

B'konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali tal-Imsida, ġew installati numri ta' Road Signa fl-Imsida li jidderiġuk lejn il-kulleġġ.

*Plant a Tree*

Din il-kampanja saret parti mill-inizjattiva tal-ambjent ta' dan il-kunsill, fejn ġew investiti numru ta' siġar u ġew imħawla wkoll fil-kulleġġ stess.

*Outdoor Chess*

Dan il-proġett sar barra l-isports hall stess, fejn ġew mixtrija 'chess pieces' imdaqsin u b'hekk issa l-istudenti jistgħu igawdu logħba chess b'mod aktar interessanti.

*Non Slip Stickers*

Ġew installati numru ta' non slip stickers fit-tela' tal-kulleġġ minħabba raġunijiet ta' health and safety.

Avvenimenti

*Christmas Ball*

Dan kien l-ewwel avveniment għal dan il-kunsill li sar f'post rinomat ħafna ġewwa l-Belt Valletta. Kien avveniment li ra fih numru kbir ta' nies u li serva wkoll bħala introduzzjoni tal-KSJC ta' dan it-terminu.

*Charity Match*

Dan l-avveniment sar għal darboħra fil-ground ta' Victor Tedesco ġewwa l-Ħamrun, fejn ra numru kbir ta' partitarji tal-Pulse u l-SDM u nġabar numru sabiħ ta' flus li ingħata donazzjoni lill-Istrina ftit taż-żmien wara.

*The Annual KSJC Live-In*

Dan il-live in għal darboħra ra numru kbir ta' studenti li attendew bi ħġarhom biex isegwu mill-qrib ix-xogħol kollu tal-kunsill.

*Prom*

Il-Prom kien ukoll avveniment ta' suċċess li sar f'Montekristo. Din is-sena, it-tema ta' dan il-prom kienet tal-karnival ta' Venezja.

*Chess Tournament*

Dan il-kunsill organizza chess tournament li fih kellu kompetizzjoni tajba u ra numru sabiħ ta' parteċipanti.

*First Ever Movie Night*

Dan kien l-ewwel avveniment ta' dan it-tip; appart li kien hemm attendenza numeruża, kien wieħed li sar b'dedikazzjoni kbira u bi ftehim tajjeb ħafna mal-Eden Cinemas. Intwera film u ingħata kemm ikel, kif ukoll xorb mal-prezz tad-dħul.

*End of Exams Gathering*

Bi ftehim ma' Gianpula, sar gathering ta' wara l-eżamijiet tal-Junior College u l-A'levels, biex apparti li jservi ta' festin, iservi wkoll ta' gathering żgħir bejn il-ħbieb.

*Bowl with Bay*

Dan kien avveniment b'kollaborazzjoni mal-isponsor 89.7 Bay, fejn saret logħba bowling bejn l-istudenti tal-Junior College, il-KSJC u l-ħaddiema tal-Bay.

*Clean Up Malta with KSJC*

Dan il-kunsill organizza numru ta' Clean Ups maddwar Malta, fosthom F'San Pawl, Buġibba u l-Qawra, Golden Bay u kif ukoll f'Għawdex. Dan il-kunsill ta' importanza kbira lill-ħarsien tal-ambjent u kif ukoll ħadem ħafna fuq clean ups b'kollaborazzjoni mal-ministeru tal-ambjent.

*First Ever KSJC Camp*

Avveniment ieħor tal-ewwel tip tiegħu kien dak tal-camping, li sar fil-camping area ta' Għajn Tuffieħa. Kien avveniment interessanti ħafna li kien mimli b'diversi attivitajiet u workshops edukattivi.

*Gozo Live In*

Dan il-kunsill organizza live in f'Għawdex bi programm mimli b'attivitajiet varji. Kien wieħed li serva wkoll ta' mod biex il-kunsill jaġġorna n-nies li attendew bix-xogħol tal-KSJC.

*Tombla and BBQ*

Fis-sajf, sar dan l-avveniment li ra il-fuq minn mitt student fosthom studenti prospettivi tal-Junior College. Kien avveniment oriġinali ħafna li ħalla entużjażmu u sens pożittiv fin-nies li attendew.

*The KSJC Gaming Day*

B'kollaborazzjoni mal-Eden, sar event ieħor ta' suċċess fejn fih intlagħbu Fifa Tournament kif ukoll Fortnite Tournament u ntrebħu diversi premji għal min rebaħ.

*One Day Seminar*

Għat-tielet sena konsekuttiva, ġie mħejji l-one day seminar li bħas-snin passati, l-għan tiegħu kien li jżomm l-istudent aġġornat b'xogħlu. Dan l-avveniment kellu attendenza sabiħa u kellu fih numru ta' workshops li jipreparaw dak li attendew għal sena skolastika ġdida fil-Junior College. Apparti minn hekk seħħet ukoll il-green conference, workshops ta' LGBTIQ u kif ukoll mental health.

*Zipline and Abseiling*

Għat-tieni sena konsekkutiva, ġew organizzati dawn l-esperjenzi uniċi li dejjem jattendu għalih bi ħgarhom l-istudenti.

*Sports Festival and Football Tournament*

Dawn l-avvenimenti saru f'Birżebbuġa bl-għan prinċipali tagħhom li jiġi ppromivit l-isport fost iż-żgħażagħ.

*Freshers Ball*

Dan l-avveniment sar ukoll f'Montekristo; avveniment li provda lejl ta' divertiment u serva wkoll bħala serħan wara ġimgħa mpenjattiva ta' Freshers Week.

*Day in Rome*

Għat-tieni sena konsekuttiva, seħħ day trip iżda din id-darba sar f'Ruma. Kienet ġurnata interessanti li fiha dorna postijiet prominenti f'Ruma u waħda li ntlaqgħet tajjeb fost dawk li attendew.

*Debate League*

Bħal snin passati, sar id-debate league f'Gyros and Churros fejn ġew diskussi temi riċenti u li jqanqlu diversi argumenti. Finalment ġew preżentati numru ta' premji u affarjiet oħra lil kull min attenda.

*Lejla KSJC*

Dan l-avveniment kien it-tieni wieħed li sar, b'differenza li din id-darba sar f'forma ta' street festiva barra l-Junior College. B'differenza wkoll, kien b'risq il-fondazzjoni Marigold u kull qliegħ li sar mar direttament għal din il-fondazzjoni.

Impenn Kontinwu lejn il-ħajja akkedemika tal-istudent

Bħal kull sena, għamilna l-isforzi tagħna sabiex inżommu l-kuntatt mal-istudent fir-rigward tal-ħajja akkademika tal-istudent; waħda mill-prijoritajiet tagħna bħala kunsill.

Żammejna l-importanza tal-KE meetings, b'kuntatt kontinwu mal-istudent represantatives u l-KE's tal-organizazzjonijiet rispettivi u kif ukoll erġajna ftaħna l-opportunita' għal sotto kumitat tal-edukazzjoni biex iservi ta' għajnuna lill-kunsill fir-rigward ta' konsultazzjoni dwar l-eżamijiet tal-Junior College. Dan iservi biex il-kunsill ukoll iżomm kuntatt viċin mal-istudent u joffri assistenza fejn ikun hemm bzonn.

Xogħol oltre mill-manifest

Din is-sena bħal snin passati iffukajna biex inkunu kemm jista' jkun pro-attivi f'xogħolna, u dejjem naraw kif ser immorru oltre mill-manifest fejn nistgħu.

Investejna; F'tennis net, television ġdid, seating fil-foyer, headphones, clothes rack, tlett laptops ġodda, żewġ water fountains u barra minn hekk ġie mniegħed l-ewwel youth exchange programme fl-istorja tal-KSJC.

Il-prijorita' tal-KSJC kienet u ser tibqa' intom l-istudenti.

## Ringrazzjamenti

Hekk kif wasalt fl-ahhar ta' dan ir-rapport, ma nixtieqx ninsa lil dawk l-aktar vicin ta' dan il-kunsill; nixtieq nibda billi nirringrazzja lilkom l-istudenti, li minn mindu beda t-terminu taghna dejjem sibna lilkom biex taghtuna s-sapport taghkom. Huwa unur kbir ghalina li nirraprezentawkom,

Grazzi wkoll lil kull sponsor taghna; Lemon Lime and Orange, 89.7 BAY, Le Bureau, Printing Dome, Klikk, BOV Club, Gyros and Churros, The Cyclist u Fastrack, kif ukoll il-PWC.

Ma nistax ma nirringrazzjax il-Pro Rettur Profs Carmen Sammut, lil Dr Steffi Vella Laurenti, lill-amministrazzjoni tal-Kullegg, lil Principal Mr Paul Xuereb u lil Vici Principal Mr Roderick Vassallo li provdulna għajnuna kbira matul is-sena.

Grazzi kbira wkoll tmur lil kull min serva ta' għajnuna għal dan il-kunsill, b'mod speċjali Owen Michael Grech u kif ukoll Gabriel Cassar.

Nagħti ħajr ukoll lill-organizzazzjonijiet studenteski li wkoll b'xi mod jew ieħor servew ta' għajnuna għalina.

Fl-aħħar u mhux l-inqas, nirringrazzja lill-kumplament tal-kunsill ta' din is-sena. Minjaf kemm ħdimna flimkien sal-aħħar minuta biex kollox jitla' sew u professjonali kemm jista' jkun. Grazzi mill-qalb.

Grazzi talli ingħaqadtu magħna llum biex tiktbu l-istorja flimkien mal-Kunsill. Kburin li konna ta' servizz għalikom. Grazzi.